**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Dicembru, 2016

Rikors Nru : 193/16 AL

AB
vs.
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-kontendenti zzewgu nhar it-tnax (12) ta' Awwissu elf disgha mija u disghin (1990);

Illi l-kontendenti ilhom separati *de facto* minn Settembru elfejn u ghaxra (2010) u sseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dott Krystle Frendo Galea datat wiehed u tletin (31) ta' Ottubru elfejn u tnax (2012) Dok A:

Illi ma hemm l-ebda pendenza ta' manteniment bejn il-kontendenti;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli illi ikun hemm rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti, stante illi apparti li ilhom diversi

snin jghixu separatament, presenzjalment it-tnejn ghandhom il-hajja separata taghhom;

Illi l-fatti su riportati jissodisfaw il-kweziti ghall-ottjeniment tal-hall miz-zwieg a tenur ta' artikoli 66A *et seq* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna :

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien kontemplat jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-digriet tad-Divorzju sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha tikkonferma :

Illi l-esponenti giet notifikata bir-rikors de quo nhar l-10 ta' Awwissu 2016;

Illi b'risposta ghar-rikors de quo, l-esponenti tissottometti li l-fatti kontenuti huma korretti u ghalhekk mhux qeghda tikkontesta u/jew topponi ghat-talba tar-rikorrenti;

Illi l-esponenti thoss li l-ispejjez marbuta ma dan id-divorzju ghandhom jigu sopporati esklussivament mir-rikorrenti stante li huwa r-rikorrenti li istitwixxa dawn il-proceduri;

Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti ghas-savju gudizzju ta' dina il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Lulju, 2016;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-31 ta' Ottubru, 2012 u de facto separati minn Settembru tas-sena 2010 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.